**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 44/15(25_02_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Frar 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Finanzjarji 2015.
6. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
7. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.
8. Memo 25/2014 – Skema dwar inizjattivi sportivi – 2015.
9. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kumitat tal-Finanzi'.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Korporazzjoni Enemalta rigward '*Helpdesk* għall-Kunsilli Lokali'. Huma fakkru wkoll dwar il-proċedura ta' kif għandha ssir l-applikazzjoni għall-bozoz ġodda fil-lokal u ċaqliq temporanjament ta' xi bozza sabiex jiġi evitat dewmien żejjed biex jiġu pproċessati t-talbiet għall-għajnuna mill-Enemalta.

2.03 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 4/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-Konferenza 'Energy Efficiency Capacity Building Workshop' f'Għawdex, fit-12 ta' Frar 2015, fil-Grand Hotel, Imġarr, Għawdex.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Youth Council rigward 'Invitation for Youth Local Councils Meeting'. Il-Kunsill kien mitlub jibgħat żewġ rappreżentanti għall-*meeting* tas-7 ta' Frar 2015 fil-Gozo Youth Council Office, Victoria. Fl-isforzi tagħhom sabiex jiltaqgħu u jiddiskutu maż-żgħażagħ, jixtiequ *individual meetings* mal-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand id-Direttur (*Excise*) fid-Dipartiment tad-Dwana rigward 'Tqassim ta' bolol tad-Dazju tas-Sisa fuq l-inbejjed (*Wine Banderols*) minn Uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana'.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-48 laqgħa ta' dan il-Kumitat, fis-7 ta' Frar 2015, sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) għall-Konferenza 'Gender Pay Gap', fis-6 ta' Marzu 2015, fil-Project House Conference Hall, Floriana.

2.08 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Centre for Development, Research and Training (CDRT) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bil-kollaborazzjoni mad-Department for the Environment and Climate Change fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għal *short training course* 'Implementing Green Public Procurement for Local Council tenders', fit-23 ta' Marzu 2015, fil-Kunsill Lokali In-Nadur, Għawdex.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba sabiex tingħata approvazzjoni lil *restaurant* li se jiftaħ sabiex ipoġġi mwejjed fuq il-bankina quddiem il-bieb. Ġiet approvata b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. L-*area* fejn se jitpoġġew l-imwejjed tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant.
2. Għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi.
3. Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

3.02 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna rigward Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi. Din it-triq ilha aktar minn tliet snin mingħajr il-plakka tal-isem tat-triq. Ġie deċiż li l-plakka titwaħħal ma' arblu tad-dawl fil-bidu tat-triq.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki rigward il-Vintage Motors Festival li jsir kull sena. Din is-sena ser isir fil-21 u 22 ta' Marzu 2015 fejn fit-22 ta' Marzu 2015 ser iżuru l-Bajja tax-Xlendi bejn il-11 ta' filgħodu u l-12.15 ta' waranofsinhar. Huma qed jitolbu permess sabiex jiġi riservat parkeġġ għal 40 sa 50 vettura fil-*Parking Area* bejn l-10.30 ta' filgħodu u l-12.15 ta' waranofsinhar. Ġejna mitluba wkoll sabiex nibagħtu l-*logo* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.04 Fl-laqgħa li kienet saret ma' Rappreżentanti tal-Munxar Falcons FC fejn ġiet diskussa l-possibilità li kamra fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina tgħaddi f'idejhom sabiex tintuża għal-laqgħat u *kiosk*, is-Sindku ġie inkarigat sabiex jiċċekkja mal-MEPA, MTA u Sanità dwar il-proċeduri. Dawn kienu l-punti li ġabar:

1. Trid issir applikazzjoni tal-MEPA ħalli jinbidel l-użu tal-kamra (Applikazzjoni tieħu bejn 4 – 6 xhur). Jekk 'il quddiem ikun irid isir xi *upgrading* minn *kiosk* għal *snack bar*, naturalment, tkun trid issir applikazzjoni oħra.
2. Qabel toħroġ it-*tender*, l-abbozz tal-*agreement* irid jiġi approvat mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u biex isir *agreement* għal iktar minn 3 snin minħabba l-investiment li jsir fil-kamra (eżempju: 10 snin) trid tintalab approvazzjoni minn qabel lill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
3. Informazzjoni tal-MEPA rigward *kiosk* tinsab fuq il-*website* tal-MEPA.
4. Jekk ser ikun hemm xi *alterations* fil-kamra trid permess tal-MEPA.
5. *Toilets* suppost li ma hemmx għalfejn ikun hemm ġewwa għax hemm l-oħrajn bieb ma' bieb.
6. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li għandha tiżdied kundizzjoni li ma għandhomx jitpoġġew imwejjed fl-*area* ta' ġol-*Playing Field*. Dik l-*area* għandha tibqa' mhux mittiefsa. Jekk ikun hemm qbil għandu jinfetaħ bieb fuq wara wkoll ħalli ma jkunx hemm restrizzjonijiet fuq it-tfal li jkunu jilagħbu.
7. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li għandu jkun hemm kundizzjoni wkoll li jekk jintalab permess għall-imwejjed fuq barra, aktar 'il quddiem, il-Kunsill għandu jġib il-kunsens tar-residenti diametru ma' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.
8. L-użu tal-kamra għandu jkun għall-Għaqda Sportiva Reġistrata bħala NGO li qiegħda tagħti servizz fil-lokalità.
9. Parti mill-kamra għandha tintuża għal-laqgħat.

Kien hemm qbil li punt numru 7 jitħassar, peress li l-imwejjed ser isiru taħt is-siġar.
Ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' mal-perit sabiex jipprepara pjanti ta' kif din il-kamra jinbidel l-użu tagħha għal kamra tal-laqgħat u *kiosk*. Kien hemm qbil dwar dawn il-punti.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 44/15(25_02_15).

**5.00 Estimi Finanzjarji 2015.**

5.01 L-Estimi Finanzjarji 2015 ġew approvati f'Laqgħa Numru 42/15(26_01_15).

**6.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

6.01 Is-sejħa għall-offerti - MXR/001/2015 - *Upgrading of Triq Żgħawri Nature Walk* li ġiet ippubblikata fis-27 ta' Jannar 2015 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fit-28 ta' Jannar 2015 fuq il-Malta Independent ser tagħlaq fl-20 ta' Marzu 2015, fl-10 ta' filgħodu.
Dawn ix-xogħlijiet jikkonsistu f'kisi ta' triq bit-tarmak u bini ta' ħitan tas-sejjieħ.
Din l-offerta ser titħallas minn fondi tal-EU.

6.02 Is-sejħa għall-offerti - MXR/002/2015 – *Pedestrianising Il-Munxar's Village Square* li ġiet ippubblikata fis-27 ta' Jannar 2015 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fit-28 ta' Jannar 2015 fuq il-Malta Independent ser tagħlaq fl-20 ta' Marzu 2015, fl-10 ta' filgħodu.
Dawn ix-xogħlijiet jikkonsistu f'pavimentar u bini ta' *culverts* għat-tieni fażi tal-proġett ta' *embellishment* tal-Pjazza tal-Knisja.
Din l-offerta ser titħallas minn fondi tal-EU.

6.03 Ser jinħarġu sejħiet għall-offerti sabiex passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi jinkesa biċ-ċangatura u jinxtraw bankijiet u *pots* għax-Xlendi.

**7.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.**

7.01 Il-laqgħa għal-lokalità tal-Munxar saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.
Ħadd ma attenda għal din il-laqgħa.

7.02 Il-laqgħa għal-lokalità tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2015, fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.
F'din il-laqgħa attendew madwar 8 persuni u min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u l-Kunsill Lokali Il-Munxar attendew is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson,* is-Sur Michele Fenech Adami – Membru, is-Sur Joseph Sultana – Sindku, is-Sur Robert Mallia - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.
Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku ta rendikont tax-xogħlijiet li twettqu fix-Xlendi. Ingħataw ukoll il-pjanijiet għas-sena 2015. Fost l-ilmenti kien hemm suġġerimenti sabiex il-ġbir ta' skart fix-Xlendi jsir kuljum bħalma jsir fis-sajf. Ilmenti oħrajn kienu dwar it-tined tal-istabbilimenti kummerċjali, skart fi *plots* mhux mibnija, jitranġa l-passaġġ li jagħti minn Triq il-Kantra għat-torri u jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada li waqgħu bil-maltemp.

**8.00 Memo 25/2014 – Skema dwar inizjattivi sportivi – 2015.**

8.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar din l-iskema. Dawn il-korsijiet ta' *General Fitness* u *Sports Day* ser isiru mill-Kunsill flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport u l-Kunsill Malti għall-Isport. Ser ikunu mqassmin hekk:
*Fitness Classes for the Elderly* fejn isiru 6 sezzjonijiet u kull sezzjoni ddum nofs siegħa u dawn ser isiru fid-Day Centre kull nhar ta' Ġimgħa f'Dar San Ġużepp bejn l-20 ta' Marzu 2015 u t-12 ta' Ġunju 2015.
*Fitness for Adults* ser jikkonsisti f'20 sezzjoni fejn kull sezzjoni ser iddum siegħa. Dan il-kors ser isir fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn it-23 ta' Marzu 2015 u l-4 ta' Ġunju 2015.
*Gymnastics Lessons* għat-tfal, subien u bniet, ta' età bejn is-7 u l-14-il sena, iddisinjati sabiex itejbu l-*fitness* in ġenerali u tiżdied is-saħħa u l-flessibilità. Jiġu mgħallma *gymnastics skills* ġodda. Ser isiru 20 sezzjoni ta' siegħa. Dan il-kors ser isir fis-*synthetic turf picth* taċ-Ċentru Parrokkjali u s-*sessions* ser isiru bejn is-16 ta' Marzu 2015 u d-29 ta' Mejju 2015.
Fit-18 ta' Mejju 2015 ser tiġi organizzata *Sports Day* fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**9.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

9.01 Il-Bord li qed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni ser jiltaqa' sabiex jintgħażlu l-aħjar erba' applikanti u terġa' ssir intervista.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

10.01 Dan l-aħħar sar xi *patching* fit-toqob li tħaffru bil-maltemp. Qed jinbnew il-ħitan tal-ġnub tat-triq li tagħti għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

**11.00 Rapport tas-Sindku.**

11.01 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa mal-*Board* li se jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-Proġetti Kapitali. Il-Kunsill applika għall-fondi sabiex issir it-tielet fażi tal-Pjazza tal-Knisja.

11.02 L-istatwa ta' Sant'Indrija bdiet tiġi restawrata mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex taħt id-direzzjoni ta' Wirt Għawdex. Ser ikun hemm bżonn li tiġi involuta l-Perit Ivana Farrugia peress li din diġà kienet inkarigata minn intervent li kien sar xi snin ilu. Is-servizz tal-perit ser jitħallas mill-Kunsill.

11.03 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa fl-uffiċċju tal-Gozo Action Group Foundation ma' uffiċjal tal-*Paying Office* rigward il-proġetti GAGF Axis 4 – Measure 413.4 – *Landscaping* u GAGF Axis 3 – Measure 313 2nd Call – *Encouragement of Tourism Activities*. F'din il-laqgħa ġie spjegat f'hiex waslu t-*tendering* ta' dawn il-proġetti.

11.04 Il-Kunsill organizza *site visit* ma' periti u kuntratturi li huma interessati li jitfgħu l-offerta għax-xogħlijiet ta' Triq Żgħawri.

**12.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar tliet stimi sabiex issir zokklatura taħt il-balavostri taz-zuntier.
Dawn huma l-istimi:

| | |
|---|---|
| Axiak Bros. Stone Decoration Ltd. | €1,705 |
| Tarcisio Xerri | €1,050 |
| John Gauci | €2,300 |

Ġie deċiż li tingħata lil Tarcisio Xerri.

12.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sindku kien kellem lis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin sab iex inaddfu Ġnien Ragalna mill-ħaxix ħażin. Il-ħlas ser ikun bis-siegħa.

12.03 Persuna fi Triq San Pawl kienet applikat sabiex issir bankina quddiem il-proprjetà tagħha. Peress li din hija bankina ġdida, il-Kunsill talab lit-Taqsima tas-CMU. Peress li din il-bankina ser iddum ma ssir, ġie deċiż li ssir mill-Kunsill.

12.04 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jaħtar il-Bord ta' Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti MXR/001/2015 u MXR/002/2015.
Ġie deċiż li l-bord ser ikun kompost minn:
Joseph Sultana – *Chairman*
Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv
Carmen Said – Membru
Robert Mallia – Membru
Ryan Debrincat – Membru
William Sultana – Membru
Perit Clint Camilleri – Konsulent Tekniku

Il-bord ser jiltaqa' fit-23 ta' Marzu 2015, fis-2.30 ta' waranofsinhar.

**13.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

13.01 Is-Sur Ryan Debrincat fakkar dwar iż-żbir tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja. Fakkar ukoll dwar *slow sign* fi Triq San Pawl, *sign* li jwissi li jinżel l-ilma tal-wied meta tagħmel ix-xita fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi u rigward *maintenance* taż-*zebra crossings*. Huma talab li ssir bankina fi Triq il-Munxar kif ukoll ftit *concrete* fix-xifer ta' Triq Ta' Bardan.

13.02 Is-Sur Robert Mallia staqsa dwar il-*bus shelter* li għandha ssir ma' ġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Is-Sindku infurmah li din ġiet approvata u kien ser jistaqsi dwar meta ser titwaħħal.

13.03 Is-Sinjura Carmen Said semmiet dwar triq li nqalgħet viċin l-ex-Andar Hotel u għadha ma tranġatx.

13.04 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex isiru *floodlights* ma' arblu sabiex jiddawwal l-i*slipway* tax-Xlendi. Għandu jsir xi *patching* fil-Munxar inkluż ir-*road humps* li kienu nqalgħu. Talab ukoll sabiex titranġa l-i*slipway*.

**14.00 Materji oħra.**

14.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2015, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***